# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 29 ta' Awwissu 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 253/2024 JPG**

**Kawza nru.: 29**

**RE**

**Vs**

**EF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RE datat 17 ta' Mejju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (Ara Dok A) u minn dan iz-zwieg twieled tifel, AE li llum X snin;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016);*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat it-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) in atti Dottor Sylvana Borg Caruana (Ara Dok B anness);*

4. *Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

6. *Illi ai termini tal-artiklu erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jitolbu manteniment minn ghand xulxin;*

7. *Illi l-manteniment ghal minuri AE dejjem thallas u ghalhekk m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' EF datata 10 ta' Gunju 2024, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

*Illi hija giet a konjizzjoni tar-rikors igguramentat ipprezentat mill-attur RE, fejn huwa essezjalment talab illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg taghhom a bazi tad-dikjarazzjonijiet hemmhekk maghmula.*

*Illi l-esponenti filwaqt illi taqbel mal-fatti esposti mir-rikorrent fir-rigward tad-data taz-zwieg taghhom, it-twelid ta' binhom u s-separazzjoni personali taghhom, ma taqbilx mad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrent kwantu ghall-manteniment dovut lil binhom.*

*Illi filwaqt li l-manteniment dovut lil minuri AE dejjem thallas, anke jekk spiss jithallas tard, ir-rikorrent ilu snin ormai sistematikament jinjora kull talba li ssirlu ghall-kontribuzzjoni da parti tieghu fl-ispejjez inkorsi mill-esponenti fis-sahha, l-edukazzjoni u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri bi ksur lampanti tal-klawsolu 8(c) tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom.*

*Illi ghal kull buon fini l-esponenti qieghda tiehu hsieb tannetti l-affidavit taghha li permezz tieghu tikkonferma l-ammonti hekk dovuti – Dok. EF1, filwaqt li tirrizerva li tixhed ulterjorment jekk ikun mehtieg minnha li taghmel dan.*

*Illi l-esponenti fic-cirkostanzi ma tistax hlief* ***toggezzjona*** *ghall-pronunzjament tad-divorzju, purche` ma jsirx il-pagament dovut fil-mori ta' dawn il-proceduri, f'liema istanza tali oggezzjoni tigi minnha rtirata.*

*Daqstant ghandha l-unur tissottometti l-esponenti.*

Rat in-Nota tal-intimata li permezz taghha irtirat l-oggezzzjoni taghha ghad-divorzju bejn il-partijiet (vide fol 16) stante hlas tal-pendenzi fil-mori tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RE xehed (vide affidavit fol 3**) illi il-partijiet izzewgu nhar it-22 ta' Dicembru 2012 u minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 8 ta' Gunju 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**EF xehed (vide affidavit fol 14)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha. Di piu', hija kkonfermat illi il-manteniment pendenti gie debitament mhallas kollu lilha mill-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Dicembru 2012 liema zwieg jgib certifikat numru 163/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana nhar it-8 ta' Gunju 2016 (Vide fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Wara hlas fil-mori tal-proceduri, il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 163/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**